MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 186/2007

Il-Pulizija
(Spt. M. Tonna)
vs.

Alexander Attard

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta’ Dicembru, 2006, u fiz-zmien qabel din id-data waqt li kien gewwa l-Junior College, Gann Frangisk Abela, Hamrun,

1. volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;
2. qal kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 t’April, 2007 li biha

ddikjarat il-kaz preskritt u dan bazi tal-Artikolu 688 (f) tal-Kodici Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 ta’ Mejju, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-azzjoni mhix preskritta, tisma' l-provi, ssib il-htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali hu s-segwenti :- li l-Ewwel Qorti qalet erronjament li l-azzjoni kienet preskritta . Illi hu veru li l-agir tal-appellat kien sar f' Dicembru, 2005, izda hadd ma kien jaf b' dak li gara u ferm aktar il-Pulizija. Illi ma kien hemm ebda traskuragni ta' hadd u allura l-azzjoni ttiehdet skond dak dispost fl-artikolu 692 tal-Kodici Kriminali li jghid li meta l-awtur tar-reat [RECTE "delitt"] ma jkunx maghruf il-preskrizzjoni ma tibdiex timxi. Inoltre l-Pulizija saret taf bl-awtur tar-reat fit-12 ta' Dicembru, 2006.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-art. 692 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li z-zmien tal-preskrizzjoni ghad-<u>delitti</u> ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf.

Illi pero' iz-zewg reati dedotti kontra l-appellat ma humiex delitti imma kontravvenzjonijiet u ghalkemm it-tieni imputazzjoni tista' koncepibbilment - jekk jirrizulta d-dagha tkun soggetta ghall-piena massima ta' tlitt xhur prigunerija skond l-art. 342 tal-Kodici Krminali, xorta wahda tibqa' wahda ta' natura kontravvenzjonali u ergo mhux applikabbli ghaliha l-artikolu 692 u dawn iz-zewg imputazzjonijiet jkunu preskrivibbli bil-passag ta' tlitt xhur

mill-kommissjoni tal-allegat reat skond artikolu 688 (f), jafu jew ma jafux bihom il-Pulizija.

Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jidher infondat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell tal-Avukat Generali w tikkonferma is-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------